PICAC NT
Partners in Culturally Appropriate Care

# Iffirmar ta’ Kuntratt għas-Servizzi ta’ Kura fid-Dar




**Pakkett ta’ Kura fid-Dar (Home Care Package) jista’ jiżgura li inti tirċievi s-servizzi u s-sapport li għandek bżonn.**

Qabel ma tiffirma Kuntratt ma’ Fornitur tas-Servizz għal provvista ta’ Servizzi ta’ Kura fid-Dar, huwa essenzjali li inti tkun taf id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tiegħek.

**Għandek bżonn li:**

1. Tifhem id-drittijiet tiegħek[1].
2. Tkun taf li d-drittijiet tiegħek għandhom jiġu rispettati mill-fornitur tiegħek tal-kura fid-dar.
3. Jekk għandek xi tħassib, tkellem mal-fornitur tiegħek.
4. Inti għandek responsabbiltajiet lejn il-fornitur tal-kura fid-dar li għażilt.
5. Uri rispett u konsiderazzjoni.
6. Ipprovdi spazju sikur għall-fornituri u l-impjegati tagħhom li jgħinuk.
7. Kun lest għal tibdil fil-pakkett tiegħek ta’ kura fid-dar jekk tinbidel saħħtek.
8. Ħallas il-miżati tiegħek tal-kura fid-dar kif miftiehem mal-fornitur tiegħek.

[1]Home Care Packages Program Manual for Care Recipients, (Manwal għal Min Jirċievi l-Kura fil-Programm ta’ Pakketti ta’ Kura fid-Dar) verżjoni 1.4, Jannar 2023

COTA NORTHERN TERRITORY
*for senior Territorians*

(08) 8941 1004
www.cotant.org.au/picac/contact-picac-nt

PICAC NT
Partners in Culturally Appropriate Care

# Iffirmar ta' Kuntratt għas-Servizzi ta' Kura fid-Dar

## Qabel Ma Tiffirma Kuntratt

**Inti għandek drittijiet *qabel* ma jkun iffirmat kull Kuntratt. Inti għandek tifhem b'mod ċar il-Kuntratt qabel ma tiffirma.**

### Affarijiet li għandek tiċċekkja

| | | Iva | Le |
|---|---|---|---|
| 1. | Irċevejt kopja ta' Kuntratt, flyer u fuljett dwar is-servizz provdut b'Ingliż sempliċi u mingħajr kliem tekniku? | ☐ | ☐ |
| 2. | Irċevejt kopja tad-dokumenti kollha provduti mill-Fornitur tas-Servizz tiegħek bil-Malti? | ☐ | ☐ |
| 3. | Irċevejt kopja tal-Kuntratt (kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti) mill-anqas ġimgħa *waħda* qabel l-appuntament biex tiffirmah? * | ☐ | ☐ |
| 4. | Il-Kuntratt għandu lista ċara tas-servizzi li ser ikunu provduti mill-Fornitur tas-Servizz meta tiffirma? | ☐ | ☐ |
| 5. | Il-Kuntratt jelenka s-servizzi *potenzjali* kollha li jistgħu jiġu offruti mill-Fornitur tas-Servizz skont l-evalwazzjoni tiegħek tal-Kura fid-Dar, (anke jekk bħalissa m'intix interessat fihom)? | ☐ | ☐ |
| 6. | Ikkunsidrajt il-metodu preferut tiegħek għall-ħlas tal-miżati (bħal debitu dirett, tnaqqis minn Centrelink, jew trasferimenti kull xahar)? | ☐ | ☐ |
| 7. | Ġejt offrut interpretu professjonali, li ma jinkludix membri tal-familja, għal traduzzjonijiet waqt diskursati mal-Fornitur tas-Servizz?* | ☐ | ☐ |
| 8. | Kellek ħin biex tirrevedi l-Kuntratt mal-Fornitur tas-Servizz u ksibt it-tweġibiet għall-mistoqsijiet kollha tiegħek? | ☐ | ☐ |
| 9. | Ksibt kopja taċ-Ċarter tad-Drittijiet tal-Kura tal-Anzjani bil-Malti, barra waħda bl-Ingliż? | ☐ | ☐ |

**Jekk weġibt 'le' għal kwalunkwe punt minn dawn, għandek id-dritt li tistaqsi lill-Fornitur tas-Servizz tiegħek għal aktar informazzjoni.**

* Servizzi professjonali ta' traduzzjoni u interpretazzjoni huma **b'xejn** għalik u għall-Fornitur tas-Servizz.

*Din il-publikazzjoni ġiet maħluqa minn COTA NT, issapportjata minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mid-Dipartiment tas-Saħħa u tal-Kura tal-Anzjani. Għal verżjoni li tista' tinbidel, jekk jogħġbok ikuntattja lill-maniġer tal-PICAC.*

COTA NORTHERN TERRITORY
*for senior Territorians*

(08) 8941 1004
www.cotant.org.au/picac/contact-picac-nt